# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 14 ta' Mejju 2001**

**Avviz. numru 1218/98**

**Numru 29**

**Francesco u Esther konjugi Cilia**

**vs**

**Emanuel Borg u Saviour Borg**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkunu kundannati li, fi zmien qasir u perentorju jizgombraw mill-fond ossija ghalqa maghrufa bhala ta' "Wied Sardin", limiti ta' Burmarrad, liema ghalqa hija okkupata mill-konvenuti minghajr titolu.

Ghal finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat li l-valur lokatizju tal-ghalqa ma jeccedix l-Lm1,000.

B'rizerva ghal proceduri ulterjuri minhabba danni sofferti mill-atturi. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti li biha eccepew (a fol 8 tal-atti):

1. Ili din il-Qorti m'hix kompetenti "ratione material", peress li l-ghalqa indikata fl-avviz hija imqabbla lilhom u ila hekk imqabbla ghal izjed minn 12 il-sena.

2. Minghajr pregudizzju, illi huma ghandhom titolu ta' qbiela fuq l-istess ghalqa, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz dak verbalizzat a fol 26 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher evidenti mill-eccezzjonijiet sottomessi mill-konvenuti, din il-kawza iddur madwar il-kwistjoni dwar jekk il-konvenuti jiddetjenu l-ghalqa in kwistjoni b'titolu ta' qbiela. In konnessjoni ma' dan il-"fact in issue", instemghu s-segwenti xhieda:-

a) Saviour Borg (fol 14 u 15 tal-atti) wiehed mill-konvenuti spjega li "minn mindu kont tfal" hu, personalment, kien jahdem l-ghalqa in kwistjoni. Pero', bhala qbiela, hu kien jhallas din mhux lill-atturi izda lill-konvenut, l-iehor Emanuel Borg, imparentat mieghu bhala sekond kugin. Skond dejjem l-istess konvenut, kien l-istess Emanuel Borg li kien jhallas il-qbiela lill-attrici. Dwar il-hlas tal-istess qbiela ossija Lm1 fis-sena l-ahhar li din kienet thallset kien "madwar tmien snin ilu" ossija madwar l-1991. Difatti, stante li Francesco Cilia "ma riedx flus aktar", kienet saret cedola ta' depositu fir-Registru tal-Qorti (ara fotokopja ta' ircevuta numru 2572 mahruga fuq Emanuel Borg, wahdu; a fol 13A tal-atti u datata it-30 ta' Dicembru 1997).

In kontro esami, l-istess konvenut spjega li hu kien jhallas lill-Emmanuel Borg. Skond "kemm ikun il-prodott" waqt li l-qbiela dejjem kienet tithallas mill-istess konvenut l-iehor, dan kollu minghajr ebda kitba izda unikament "bil-kelma" bejn il-konvenuti.

b) Emanuel Borg (a fol 16 u 17 ibid) spjega li hu, fil-bidu, kien jhallas qbiela lil hu l-attur, Indri Cilia, illum mejjet. Wara, hu kien jhallas lil huh l-iehor ossija Toni Cilia mejjet ukoll u sussegwentment lit-tifel ta' ohtu "jismu jidhirli Toni jew Toninu" dan kollu minghajr ebda ircevuta jew xi kitba. Skond l-istess konvenut, hu baqa' jhallas il-qbiela sakemm l-

attur u t-tifel li ghadu kemm semma "ma riedux aktar flus" minhabba "xi qasma".

In kontro esami, hu, pero', kompla jghid li oltre li ma setax jidhol fl-istess art minhabba xi gheluq bi triq, hu kien ta' l-ghalqa lill-konvenut l-iehor, Saviour Borg minghajr "ma ghidt lill-hadd" u minghajr kitba.

c) L-attrici mart l-attur (fol 24 u 25 ibid) fix-xhieda taghha ghamlet enfasi li, matul l-ahhar erbgha u hamsin sena, hi u zewgha ma irrikonoxxewx il-konvenuti kif ukoll ma accettaw xejn minghand dawn. In kontro esami, saret referenza biss ghal hut zewgha gja imsemmija ormai mejtin kif ukoll ghat-tifel ta' oht zewgha Toninu.

Ikkunsidrat

Illi sabiex tasal ghad-decisjoni Taghha il-Qorti rat u ikkonsiderat dak kollu kif espost u sintetizzat oltre s-segwenti kriterji:-

1) Ma ghandu jkun hemm ebda dubbju li kien jispetta lill-istess konvenuti sabiex jipprovaw, fuq basi ta' probabilta', li huma jiddetjenu l-istess ghalqa bit-titolu vantat minnhom ossija bi qbiela. In rigward dan ghandu jinghad minnufih illi ma jidhirx li l-konvenuti pprovaw skond il-ligi li bejniethom u l-attur kien hemm xi ftehim, espress jew

tacitu, li jista' jammonta ghal xi ftehim ta' kirja, regolat mill-Kodici Civili. Tali ftehim jrid jirrizulta mill-provi prodotti b'mod car u inekwivoku u l-Qorti, kemm legalment kemm moralment tinsab konvinta li tali ftehim, a basi tal-artikoli li jirregolaw l-istitut ta' kera ta' fond rurali fil-Kodici Civili, hu assenti.

2) Dan premess, lanqas ma jidher illi l-konvenuti jistghu jikkwalifikaw bhala "inkwilini protetti" taht il-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, mhux biss jirrisulta li din il-Qorti hi kompetenti "ratione materia"l" izda irrizulta ukoll li l-konvenuti ma jistghux jivvantaw li ghandhom it-titolu pretiz minnhom fil-konfront tal-atturi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara li l-konvenuti qed jiddetjenu u jokkupaw l-ghalqa maghrufa bhala "Ta' Wied Sardin" limiti ta' Burmarrad minghajr titolu validu fil-ligi;

2. tordna lill-istess konvenuti sabiex sal-14 ta' Lulju 2001 jizgombraw mill-istess ghalqa;

Bl-ispejjes kontra l-istess konvenuti.

Alan Calleja
Dep.Reg